## ORIS Big Game Fishing Tournament 2011.

## Regolamenti.

1. F'din l-attivita jistghu jiehdu sehem biss opri tal-bahar registrati mad-Direttur tal-ORIS National Big Game Fishing Tournament.
2. L-iSkipper ta l-opra tal-bahar huwa responsabbli biex jassigura li ir-regolamenti tas-Sahha u Sigurta in vigore ikunu osservati kif ukoll li jassigura li jitharsu ir-regolamenti, inkluzi avvizi ghal-bahhara, mahruga minn Transport Malta u id-Dipartiment tas-Sajd.
3. Il-Kumitat Organizzattiv ta l-ORIS Big Game Fishing Tournament mhumiex responsabbli ghal-hsarat jew danni sofferti minn terzi persuni. Il-partecipanti jiehdu sehem ghar-riskju propju taghhom.
4. Tfal taht it-tnax il-sena (12 years) iridu jkunu lebsin il-life jackets meta jkunu fuq l-opri tal-bahar li jkunu qed jiehdu sehem fit-Tournament.
5. Kwalunkwe haga abbord l-opra tal-bahar tista tkun spezzjonata mill-Ufficcjali tat-Tournament kemm qabel il-bidu tat-Tournament kif ukoll waqt it-Tournament fuq il-bahar jekk tinhass il-htiega. L-iSkippers tal-Opri tal-bahar ghandhom ikunu jafu li ma jistghux jirrifjutaw li xi Ufficjal tat-Tournament jitla fuq l-opra tal-bahar taghhom biex jispezzjona jew jikkontrolla xi oggett / attivita matul il-hin kollu tat-Tournament.
6. L-Ufficjali tat Tournament jistghu isaqsu lill-partecipanti biex jifthulhom il-basktijiet abbord kif ukoll li juruhom x'ghandhom fil-bwiet, bhala parti mill-ispezzjoni.
7. Kull opra tal-bahar irid ikollha VHF radio li jkun jahdem, kif ukoll telefon cellulari li in-numru tieghu ikun gie irregistrat fuq il-formola ta l-applikazzjoni.
8. Kanal 67 tal-VHF huwa il-kanal ufficcjali tat-Tournament, u dan ghandu jintuza biss mill-partecipanti biex jikkuntattjaw lis-Support Boats. Il-partecipanti huma mitluba li juzaw kanali ohra tal-VHF biex jikkuntattjaw lill-xulxin fuq bazi personali.
9. Il-partecipanti jistghu juzaw telefons cellulari fi kwalunkwe hin matul it-Tournament.
10. Kull opra tal-bahar ser tinghata numru ufficjali ghat-Tournament. Dan in-numru irid ikum muri fuq l-opra tal-bahar, b'tali mod li jkun vizibli sewwa ghall-opri tal bahar ohrajn, matul il-hin kollu tat-Tournament.
11. L-opri tal-bahar partecipanti ser ikunu identifikati b'dan in-numru ufficjali moghti lilhom u mhux bl-isem ta l-opra tal-bahar jew bin-numru tar-registrazzjoni ta Transport Malta.
12. Kull opra tal-bahar partecipanti irid ikollha il-bandiera ta l-ORIS Tournament imwahhla fi kwalunkwe waqt tat-Tournament.

## Regolamenti.

13. L-iSkipper u l-ewkwipagg iridu jilbsu it-T Shirt tat-Tournament li ser jinghataw mill-kumitat Organizzativ. L-iSkippers huma ukoll obligati li jilbsu il-beritta ufficjali ta L-ORIS Tournament li ser jinghataw.
14. L-opri tal-bahar ikunu spezzjonati biss meta in-numru ufficjali taghhom ikun imwahhal, ikollhom il-bandiera ufficcjali ta l-ORIS Tournament imwahhla u l-ekwipagg kollu ikun liebes it-T Shirt Ufficjali ta l-ORIS.
15. Kuntatt fiziku ta opri tal-bahar ma xulxin huwa assolutament ipprojbit. Distanza ta mhux inqas min ghaxar metri minn opri tal-bahar ohrajn ghandha tinzamm fi kwalunkwe hin tat-Tournament.
16. Trasferiment ta qbid ta hut minn opra tal-bahar ghall-ohra ma jistax isir.
17. Ma tistax tintuza lixka hajja jew mejta waqt it-Tournament. Sprays li jigbdu l-hut jistghu jintuzaw fuq il-lures artificjali jew snanar.
18. "Chumming" jew "Chunking" ta lixka hajja jew mejta mhux permess fi kwalunkwe hin tat-Tournament.
19. Long Lines (konsijiet) mhumiex permissibli u anqas biss jistghu ikunu abbord ta xi opra tal-bahar matul it-Tournament.
20. Lures li huma maghmula biex jintuzaw bl-uzu ta lixka hajja jew mejta ma jistawx ikunu abbord xi opra tal-bahar waqt it-Tournament.
21. Kull qasba tas-sajd jew rixa ma jistax ikollha aktar minn lure wahda artificjali bis-snanar. Il-lures artificjali abbord l-opra tal-bahar iridu jigu murija lill-Ufficjali tat-Tournament waqt l-ispezzjoni. Il-partecipanti jistghu juzaw iktar minn lure artificjali wahda ma kull qasba jew rixa basta li lure wahda artificjali biss tkun maghmmra bi snanar.
22. Il-partecipanti jistghu juzaw qasab / rix kemm iridu fi kwalunkwe waqt tat-Tournament
23. Il-paretcipanti huma obligati li jinfurmaw lill-Ufficcjali tat-Tournament jew lis-Support Boats appena xi tonna (li tkun tal-piz jew tul rijest mill-ligi) jew xi pixxispad jinqabad u jittella abbord.
24. Kwalunkwe tonna ta tul inqas min 115 centimetru iridu jinhelsu appena dawn jigu mkejla abbord.
25. Jekk xi partecipant jinqabad b'tonna ta inqas minn 115 centimetru abbord, l-opra tal-bahar tigi skwalifikat immedjatament . Kull opra tal-bahar irid ikollha abbord rutella jew mezz iehor li jkejjel it-tul tal-huta.
26. Kull opra tal-bahar irid ikollha bejn tlieta u erba fenders skond it-tul ta l-opra tal-bahar.
27. Jekk xi skipper jew membru ta l-ekwipagg iwegga jew ihossu ma jiflahx, ghandha tintalab ghajnuna immedjata mill-awtoritajiet koncernati fuq kanal 16 tal-VHF. Wara ghandha tintalab ghajnuna mis-Support Boats jew opri ohra tal-bahar li jistghu ikunu fil-qrib.
28. L-Skippers ghandhom isegwu kwalunkwe direttiva jew ordni moghtija mill-Ufficjali tat-Tournament kemm meta jkunu ghadhom l-art kif ukoll meta jkunu fuq il-bahar. Jekk xi partecipant ma jseqwix xi ordni jew direttiva moghtija mill-Ufficjali tat-Tournament, l-opra tal-bahar inkwistjoni tigi skwalifikata.
29. L-iSkippers kollha huma obligati li jseqwu dawn ir-regolamenti u kwalunkwe direttivi jew ordnijiet ohra li jista jinghataw mid-Direttur tat-Tournament jew l-Ufficjali tat-Tournament. Jekk xi hadd jonqos li jzomm ma dawn ir-regolamenti, l-opra tal-bahar tieghu tigi skwalifakata immedjatament.
30. Id-decizjoni tad-Direttur tat-Tournament hija finali fi kwalunkwe kaz li jista jinqala.

## Laqgha ta Qabel it-Tournament.

1. Laqgha obligatorja ghall-iSkippers kollha ser issir fil-21 ta Gunju 2011 fl-ANGOLINA BAR, Birzebbuga, fis-sebgha u kwart ta fil-ghaxija (07:15 pm).
2. Waqt din-laqgha l-iSkippers jew ir-raprezentanti taghhom (membru ta l-ekwipagg li ser jiehu sehem fit-Tournament) iridu jiffirmaw il-formola ta l-applikazzjoni u jhallsu li-mizata applikabbli skond in-numru ta ekwipagg li ser jkun abbord waqt it-Tournament. Jekk ir-registrazzjoni ma tkunx kompluta, l-opra tal-bahar ma tistx tippartecipa fit-Tournament.
3. Il-mizata applikabbli hija ta € 35 ghall-ewwel tlett membri ta l-ekwipagg inkluz l-iSkipper. Kull persuna addizzjonali thallas € 20.
4. Tfal taht it-tnax il-sena (12 years) ma jhallsu xejn.
5. Mizati mhallsa ghall-partecipazzjoni ma jigux rifondati, ghall-ebda raguni.

# It-Tournament.

1. It-Tournament tas-Sajd ORIS se issir nhar is-26 ta Gunju 2011
2. Jekk it-temp ma jippermettix, it-Tournament jigi pospost ghal nhar id- 29 ta Gunju 2011 (Festa Pubblika). F'kaz li anke f'din il-gurnata it-temp ma jippermettix, it-Tournament jigi pospost ghall-ewwel Hadd li it-temp jippermetti.
3. Il-postijiet fejn jistghu isiru spezzjonijiet ta l-opri tal-bahar qabel il-bidu tat-Touranment huma l-Msida (bejn Pontoon A u l-Pontoon tad-Dilettanti) u Birzebbuga – Il-Moll ta San Gorg.
4. L-ispezzjonijiet isiru bejn 02:30 a.m. u mhux aktar tard mill 04:00 a.m. L-Opri tal-bahar u l-apparat li jkun ser jintuza iridu jkunu spezzjonati matul dan il-hin, inkella ma jithallewx jiehdu sehem fit-Tournament.
5. Dawk l-Opri tal-bahar li ser jaslu Birzebbuga fuq karru, ghanhom ikunu fis-slipway ta Birzebbuga – San Gorg kmieni kemm jista jkun. Wara li l-opra tal-bahar tigi varata, l-Ufficjali tat-Tournament jaghmlu l-ispezzjoni necessarja u jiehdu hsieb li l-karru jittiehed f'post riservat apposta. Il-Partecipanti ghandhom dejjem isegwu id-direttivi u ordnijiet ta l-Ufficjali tat-Tournament.
6. Dawk il-partecipanti li ser jaslu Birzebbuga bil-bahar ghandhom jingabru fil-post indikat mill-Ufficjali tat-Tournament, fil-port ta Birzebbuga.
7. Navigazzjoni fil-port ta Birzebbuga ma tistax taqbez l-ispeed ta 5 mili nawtici fis-siegha.
8. Wara li l-opra tal-bahar tigi spezzjonata, din ghandha tmur fil-post indikat mill-Ufficjali tat-Tournament, u tistenna ghal aktar struzzjonijiet.
9. L-opri tal-bahar ser ikunu maqsumin fi gruppi, u kull grupp ser ikollu Support boat assenjata ghall-grupp. L-Opri tal-bahar ghandhom isegwu is-Support Boat assenjata lilhom biex johorgu mill-port ta Birzebbugga u jmorru ghall-post minn fejn ser jibda it-Tournament, barra il-port ta Marsaxlokk.
10. Ghall-habta tal-05:30 a.m. kull Support Boat tibda ticcaqlaq bil-mod u dawn jibdew izidu l-ispeed bil-mod il-mod, segwiti mill-opri tal-bahar li jiffurmaw parti mill-grupp ta kull Support Boat. L-ebda opra tal-bahar ma tista titlaq ghal rasha qabel ma id-Direttur tat-Tournament jaghti l-GO AHEAD lill-kull grupp individwali. F'dan il-hin ikun beda it-Tournament ghal dak il-grupp.
11. L-opri tal-bahar ta kull grupp iridu isegwu is-Support Boat tal-grupp taghom bl-istess speed li tkun miexja is-Support Boat. Skippers li jaqbzu lis-Support Boat taghhom jew isallbu qabel ma tinghata il-GO AHEAD tal-grupp jigu skwalifikati. Sewqan bl-addocc jew sewqan perikoluz matul it-Tournament ifisser skwalifika immedjata ta l-opra tal-bahar koncernata.

12. **Kull opra tal-bahar trid tasal lura fil-port ta Birzebbuga mhux aktar tard mit- 15:00 hrs. Opri tal-bahar li jaslu wara it-15:00 hrs ikunu skwalifikat.**
13. Kull opra tal-bahar ghandha tikkuntattja lid-Direttur tat-Tournament, preferebilment bit-telefon cellulari, appena tidhol fil-port. F'dan il-waqt ghandu jinghata in-numru ufficjali tat-Tournament ta l-opra tal-bahar koncernata. L-iSkipper ta l-opra tal-bahar ghandu jistenna konferma li l-messagg tieghu wasal ghand id-Direttur tat-Tournament. L-iSkipper jinghata struzzjonijiet biex jersaq ghand il-Judges biex jinghad u jintizen il-hut maqbud.
14. L-Skippers ta l-opri tal-bahar m'ghandhomx jersqu mal-moll biex isir l-ghadd u l-uzin tal-hut qabel ma jinghataw struzzjonijiet ghal dan il-ghan minn Ufficjal tat-Tournament.
15. Jekk xi opra tal-bahar ma tkunx qabdet hut, din tista tibqa sejra dritt lejn il-post fejn torbot, pero din obbligata li tinforma lid-Direttur tat-Tournament bin-numru ufficjali taghha tat-Tournament u tindika li ser tibqa sejra lejn il-port bazi taghha. L-iSkipper ghandu jistenna konferma mid-Direttur tat-Tournament li ircieva l-messagg tieghu.

# Kjarifiki / Addenda ghar-Regolamenti.

a. **"TROLLING" (SAJD BIR-RIXA) HUWA L-UNIKU TIP TA SAJD PERMESS WAQT IT-TOURNAMENT.**
b. It-tip ta hut permissibli bhala qbid waqt it-Tournament huma BLUE FIN TUNA (Li ma jkunx izghar minn 115 centimetri u sakemm tkun intlahqet il-kwota allokata mid-Dipartiment tas-Sajd), PIXXISPAD (Irid ikun irrapurtat mill-ewwel lid-Direttur tat-Tournament), PALAMIT, ALONGI, PASTARDELLA u LAMPUKI.
c. Il-kompetizzjoni ser tkun iffilmjata minn Mr Fisherman. Meta partecipant jiffirma il-formola tar-registrazzjoni ikun qed jaccetta li jiehu sehem fl-iffilmjar tal-program u ma jkunx jista jaghmel xi talba dwar il-kontenut prodott.
d. Lures tat-tip Rapala kif manifatturati mill-fabbrika jistghu jintuzaw waqt it-Tournament (ez. Rapalas b'zewg settijiet ta snanar jew Rapalas bi tlett settijiet ta snanar f'kaz ta Raplalas Split Body. Is-settijiet tas-snanar jistghu ikunu b'sunnara ta b'wahda, ta bi tnejn jew ta bi tlieta.
e. Ir-rebbieh ikun min jaqbad L-IKBAR AMMONT (numru ta rjus) ta hut permissibli ghat-Tournament. F'kaz ta aktar min partecipant wiehed li jkollhom l-istess numru ta hut, allura r-rebbieh ikun deciz skond il-piz totali tal-qabda tal-hut.
   Il-placings tar-rebbieha l-ohra jkunu determinati bl-istess sistema li semmejna.
   Ikun hemm rigal separat ghal min jaqbad l-ikbar Alonga kif ukoll rigal iehor ghal min jaqbad l-akbar huta.
f. Ir-registrazzjoni tad-dghajjes li riedu jiehdu sehem ghalqet fl 10 ta Gunju 2011. Il-lista finali tal-membri ta l-ekwipagg abbord waqt it-Tournament tkun accettat sal 21 ta Gunju 2011 waqt il-Briefing tat-Tournament. Wara din id-data in-numru ta membri ta ekwipagg abbord ma jkunx jista jizdied.
g. Kull huta maqbuda li tkun izghar mid-daqs permess mill-ligi, TRID TERGA TINHELES. Importanti li kull min jiehu sehem ikun familjari mad-daqsijiet minimi permessi skond ir-regolamenti lokali tas-sajd.
h. Kull opra tal-bahar ser tinghata reference card tat-Tournament li turi l-aktar hin tard li dik l-opra tal-bahar trid tkun mal-moll ta San Gorg Birzebbuga ghall-ispezzjoni. Il-partecipanti jistghu jaslu qabel u jistennew fil-post indikat lilhom, pero jekk jaslu tard ghall-ispezzjoni dawn ikunu jridu jistennew sa l-ahhar. F'dan il-kaz id-Direttur tat-Tournament jiddeciedi jekk issirx skwalifika jew issirx l-ispezzjoni skont ir-raguni moghtija ghaliex il-partecipant ikun wasal tard.
i. Kull opra tal-bahar irid ikollha Dawl tan-Navigazzjoni skond ir-regolamenti ta Transport Malta / MMA, li jkunu jahdmu u jinzammu mixghulin il-hin kollu fil-ghodu kmieni u sakemm it-Tournament ikun beda. Nuqqas ta Dwal tan-Navigazzjoni li jkunu jahdmu kif suppost jista jwassal ghall-iskwalifika tal-opra tal-bahar mit-Tournament.

**j. <u>KANCELLAMENT / POSTPONIMENT TAL-KOMPETIZZJONI.</u>**
   Il-kompetizzjoni tkun posposta biss jekk numru ta Stazzjonijiet tat-tbassir tat-temp ibassru li r-rih fl-area tas-sajd ser ikun ta aktar minn 11 knots. Il-partecipanti huma avzati biex jiccekkjaw il-Website tal Malta Fishing Forum biex izommu ruhhom aggornati. F'kaz ta posponiment tat-Tournament, il-hinijiet imsemmija ghas 26 ta Gunju 2011 jkun jghoddu ghall-granet alternattivi imsemmija fir-regolamenti.

k. Id-Direttur tat-Tournament izomm id-dritt li jiskwalifika opra tal-bahar partecipanti jekk din ma tobdix xi struzzjonijiet moghtija mill-Ufficjali tat-Tournament.

**Dr Joe Carabott Damato - Direttur tat-Tournament.**